MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2012

Numru. 1098/2009

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH MERCIECA**

**KONTRA**

**ANTOINE GALEA ta’ 34 sena, iben Carmel u Emanuela nee’ Gialanze’, imwieled Tal-Pieta’ nhar it-22 ta’ Dicembru, 1977, residenti fil-fond Kristu Re, Triq il-Qadi, Zejtun, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 322787M;**
**U JASON SAID ta’ 38 sena, iben Michael u Emanuela nee’ Sciberras, imwieled Tal-Pieta’ nhar is-16 ta’ Gunju, 1973, residenti fil-fond Flat 2, Blokk A1, Housing Estate, Fgura, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 378573M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija **Antoine Galea** u **Jason Said** li gew akkuzati talli nhar l-14 ta' Novembru, 2008, ghall-habta ta' nofs il-lejl, u/jew fil-jiem ta' qabel, f'diversi nhawi ta' Malta, b'diversi atti maghmulin minnhom, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Nhar l-14 ta' Novembru, 2008, f'xi hin bejn il-5.45pm u nofs il-lejl, minn garaxx fi Triq il-Kavallier A Megino, Zejtun, ikkommettew serq ta' generatur u mutur tal-hart, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-hin, u li sar ghad-detriment ta' Leone Vella u/jew ta' persuni ohra;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' bieb ta' garaxx, liema hsara ma tiskorrix il-mija u sittax-il Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47), izda izjed minn tlieta u ghoxrin Ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29), ai termini ta' l-Artikoli 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema hsara saret ghad-detriment ta' Leone Vella u/jew ta' persuna ohra;

3. U aktar talli nhar it-12 ta' Novembru, 2008, wara l-4.30pm, fi Triq il-Foss, Fgura, ikkommettew serq ta' kumpressur minn fuq crane bin-numru tar-registrazzjoni ABG072, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elfejn tlieta mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-hin, u bix-xorta tal-haga misruqa, u li sar ghad-detriment ta' John Caruana u/jew ta' persuni ohra;

4. U aktar talli fil-lejl ta' bejn id-9 u l-10 ta' Novembru, 2008, minn gewwa sit ta' kostruzzjoni fi Triq Bugharbiel, Zejtun, ikkommettew serq ta' band-saw tal-gebel, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlieta mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu(€2,329.37), bil-hin, u li sar ghad-detriment ta' Alessio Caruana u/jew ta' persuni ohra;

5. **Antoine Galea wahdu** akkuzat talli fil-15 ta' Novembru, 2008, jew fil-jiem ta' qabel, matul il-lejl, minn sit ta' kostruzzjoni, fi Triq l-Isqof Emmanuel Galea, Zejtun, ikkommetta serq ta' travetti, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlieta mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u bil-hin, u li sar ghad-detriment ta' John Mary Scicluna u/jew ta' persuni ohra.

Rat li fi stadju ta' interrogatorju (folio 32 - 33), l-imputati wiegbu li ma kinux hatja ta' l-akkuzi hekk kif dedotti fil-konfront taghhom.

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, taht liema hemm mahsub li tista' tinstab htija, u cioe':

1. Fl-Artikoli 261, 263, 267, 270, 279(a), u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-Artikoli 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-Artikoli 261, 267, 270, 271, 279(a), u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-Artikoli 261, 263, 267, 270, 279(a), u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-Artikolu 17, 18, 20, 23, 31, 532A, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Lil Antoine Galea wahdu:

6. Fl-Artikoli 261, 270, 279(a), u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li moqrija l-istess Artikoli, l-imputati taw il-kunsens taghhom ghal proceduri sommarji (seduta 02.11.2011).

Rat li fl-istess seduta, cioe' 02.11.2011, l-imputat irregistraw ammissjoni ghall-imputazzjonijiet hekk kif dedotti fil-konfront taghhom, u dan wara li nghataw zmien xieraq sabiex jahsbu fuq l-istess.

Ikkunsidrat:

Illi wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 270, 271, 279(a), 280, 325(1)(c), 17, 18, 20, 23, 31, 532A, u 533, ilkoll tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti qieghda fuq ammissjoni ssib liz-zewg imputati hatja;
Tikkundanna lil **Jason Said** piena ta' sena u nofs habs sospizi ghal tlitt snin, u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Fil-waqt illi lil Antoine Galea tikkundannah ghal piena ta' sentejn habs sospizi ghal erba' snin, u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------